

Brussell, 20 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9520/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0132 (NLE)

ECOFIN 642
UEM 177
FIN 721
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 258 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall- Polonja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 258 final.

Mehmuż: COM(2026) 258 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2026
COM(2026) 258 final

2026/0132 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja

{SWD(2026) 136 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Polonja fit-3 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tas-16 ta' Lulju 2024⁴, tal-20 ta' Ġunju 2025⁵ u tat-12 ta' Diċembru 2025⁶.
- (2) Fil-11 ta' Marzu 2026, il-Polonja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Polonja ppreżentat l-RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi fl-RRP ippreżentati mill-Polonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 34 miżura.
- (4) Il-Polonja spjegat li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni minħabba kundizzjonijiet tat-temp xitwi diffiċli, kwistjonijiet tal-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 9728/22 INIT; ST 9728/22 ADD 1.

³ ST 15835/23 INIT; ST 15835/23 REV1; ST 15835/23 ADD 1.

⁴ ST 11805/24 INIT; ST 11805/24 ADD 1.

⁵ ST 9590/25 INIT; ST 9590/25 ADD 1.

⁶ ST 15795/25 INIT; ST 15795/25 ADD 1; ST 15795/25 REV 1 (pl).

akkwist, dewmien fil-proġetti jew nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.4.1 (Modernizzazzjoni tal-infrastruttura jew tat-tagħmir fis-settur agrikolu), B3.2.1 (l-Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti fuq l-art u lil hinn mill-kosta), B3.5.1 (Investiment fi proġetti ta' akkomodazzjoni), C2.2.1 (Teknoloġiji diġitali fit-tagħlim), E3.1.1 (Faċilità għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju) u G1.1.2 (Appoġġ għall-espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Il-Polonja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba sfidi legali mhux mistennija li jirriżultaw minn proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.3.1 (Implimentazzjoni tar-riforma tal-ippjanar tal-użu tal-art), A4.6 (Żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi permezz tal-iżvilupp tal-kura fit-tul), u G3.1.1 (Simplifikazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-Polonja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżuri E1.1 (Żieda fl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u E1.2.1 (Trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-bliet (trammijiet)). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati u li tiżdied il-miżura l-ġdida B4.1 (Tnaqqis tad-dipendenza fuq il-faħam). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Polonja spjegat li ġew emendati 21 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.1 (Riforma tal-qafas fiskali), A2.6 (Riforma tas-sistema nazzjonali tas-servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkompanjament bl-użu ta' data satellitari), A2.6.1 (Investiment fis-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni bis-Satellita (NSIS) u s-satelliti), A4.1.1 (Investiment b'appoġġ għar-riforma tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol), A4.3.1 (Investiment f'entitajiet tal-ekonomija soċjali), B2.2.3 (Kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-terminals lil hinn mill-kosta), B2.3 (Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta), C1.1.1 (Aċċess għan-network tal-broadband), C2.1.2 (Teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni skolastika – apparat portabbli), C4.1.1 (Appoġġ għal trasformazzjoni diġitali avvanzata), D1.1.1 (Modernizzazzjoni ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa), D4.1.1 (Żieda fil-provvista tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni ta' entitajiet mediċi fil-livell distrettwali), E1.1.2 (Xarabanks u trammijiet b'emissjonijiet żero u baxxi), E2.1.1 (Linji ferrovjarji), E2.1.2 (Vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri), E2.1.3 (Proġetti intermodali), E2.2.1 (Investimenti fis-sikurezza tat-trasport), E2.2.2 (Diġitalizzazzjoni tat-trasport), G1.2.3 (Networks tat-trażmissjoni u infrastruttura intelliġenti tal-elettriku), G1.3.2 (Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero (xarabanks)) u G3.1.2 (Ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Polonja talbet li tuża r-riżorsi lliberati bit-tnaqqis

fil-livell tal-implimentazzjoni tal-miżuri biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna lil A2.7.1 (Investiment - Fond għas-Sigurtà u d-Difiża) u A6.1 (Kontribuzzjoni volontarja għall-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS2)). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li jiżjed il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'segmenti jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi fl-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Polonja.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (11) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Polonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (j) u (k).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (il-klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiki jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 40,05 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 68,17 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) Filwaqt li l-Polonja naqset milli tippreżenta l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħha sat-30 ta' Ġunju 2024 f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, l-RRP emendat jibqa' konsistenti mal-informazzjoni pprovduta f'Diċembru 2019 fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għas-snin 2021-2030. Il-modifika tal-RRP emendat ma tolqotx b'mod sostanzjali l-ambizzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni klimatika. Minkejja l-emendi, l-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'interventi fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-bini u t-trasport b'emissjonijiet żero.
- (14) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni għall-klima tal-RRP emendat naqset minn 40,26 % għal 40,05 % meta mqabbla mal-valutazzjoni preċedenti.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (il-klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21,30 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (16) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali. Il-kontribuzzjoni diġitali tal-RRP emendat żdiedet minn 20,92 % għal 21,30 % meta mqabbla mal-valutazzjoni preċedenti.

Il-kalkolu tal-kostijiet

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (il-klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (18) Il-Polonja pprovdiet estimi tal-kost għat-tipi kollha ta' miżuri taħt l-RRP emendat tagħha li jinvolvu kost. B'mod ġenerali, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kost huma ċari u jinftehem, u spiss huma bbażati fuq proġetti preċedenti ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. F'xi każijiet, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kostijiet huma limitati, u dan ifixkel valutazzjoni pożittiva sħiħa tal-estimi tal-kostijiet. Il-Polonja pprovdiet ukoll dokumentazzjoni ta' sostenn dettaljata għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' interventi għas-sostenn tal-ġustifikazzjoni u tal-evidenza relatata mal-estimi tal-kost. Il-Polonja pprovdiet informazzjoni u garanzija suffiċjenti li l-kosti tal-RRP emendat tagħha mhux kopert minn finanzjament ieħor tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (19) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795, il-Polonja qieset bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, il-Polonja qieset li l-ebda proġett li ngħata s-Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba n-nuqqas ta' żmien biex jitlestha tali proġett qabel id-data ta' tmiem tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Valutazzjoni pożittiva

- (20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (21) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Polonja huma ta' EUR 54 718 157 234. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Polonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u mal-Artikoli 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Polonja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 25 276 853 716. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Polonja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (22) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Polonja li jammonta għal EUR 29 441 303 518 jibqa' l-istess.
- (23) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Polonja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President